**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Carmel u MaryAnne Giacchino

vs

Styles Apertures Limited

12 ta' Dicembru 2018

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fit-13 ta' Lulju 2018 fejn talbu ir-rifuzjoni ta' €1598.00, kwantu ghall-€1348 depozitu fuq *sliding gate* mixtri minghand is-socjeta' intimata, u kwantu ghall-€250.00: kumpens ghall-inkonvenjent.

Ra illi s-socjeta' intimata giet debitament notifikata.

Ra illi nonostante tali notifika is-socjeta' intimata ma dahlet l-ebda risposta ghat-talba tar-rikorrenti.

Ra l-verbal tat-12 ta' Settembru 2018 fejn il-kawza giet differita ghall-provi kollha tas-socjeta' intimata, b'dana illi jekk ma jidher hadd, il-kawza tithalla ghas-sentenza.

Ra l-verbal tas-seduta tad-19 ta' Settembru 2018, fejn wara li ma deher hadd ghas-socjeta' intimata, it-Tribunal halla l-kawza ghas-sentenza.

Ra l-atti kollha tal-process.

Sema x-xhieda tar-rikorrent Carmel Giacchino bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi fit-30 ta' Jannar 2018, ir-rikorrenti hallsu depozitu ta' €1348.61 lis-socjeta intimata ghal xiri u installazjoni ta' *sliding gate* bhalma jidher fil-kwotazzjoni esebita f'dawn l-atti. Din il-grada giet installata fit-13 ta' April 2018 li pero' ma gietx installata skond l-arti u s-sengha u ma setghetx tiffunzjona kif suppost kellha taghmel. Ir-rikorrenti nkarigaw lill-perit Dione Galea sabiex jipprepara rapport dwar din il-grada, liema rapport fih id-data 2 ta' Mejju 2018. Skond dan ir-rapport, din il-grada kellha tigi nstallata

go garaxx gdid bl-indirizz Zernieq, 4, Triq Frederick Borg, Iklin. Il-perit Galea rraporta illi l-grada ma gietx imwahhla skond l-arti u s-sengha peress illi thalli ftuh ta' diversi millimetri (bejn 70 mm u 170mm) fl-estremitajiet ta' din il-grada. Gew esebiti diversi ritratti li juru dawn id-difetti.

Illi minkejja l-isforzi tar-rikorrenti sabiex jinduci lis-socjeta' intimata jirrimedjaw id-difetti, dawn baqghu inadempjenti u qatt ma deheru sabiex jirrimedjaw skond il-parir tal-perit Dione Galea.

Illi s-socjeta' intimata qatt ma dehret quddiem dan it-Tribunal sabiex tispjega il-posizzjoni taghha.

Ikkunsidra

Peress illi t-Tribunal m'ghandux il-konfort tal-versjoni tas-socjeta' intimata, irrid joqghod fuq il-versjoni moghtija mir-rikorrenti, li fic-cirkostanzi hija verosimili aktar u aktar meta hija korroborata minn rapport tekniku pprezentat mill-perit Dione Galea. Ghalhekk fin-nuqqas ta opposizzjoni, m'ghandux triq ohra hlief jilqa' t-talba tar-rikorrenti, pero' ma jidhirlux illi f'dan il-kaz ghandhom jinghataw danni morali.

Ghal dawn il-motivi jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' parjzalment it-talba tar-rikorrenti u jikundanna lis-socjeta' intimata li tirrifondi lir-rikorrenti s-somma ta' €1348.61. Bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata, inkluzi dawk tar-rapport tal-perit Dione Galea. Is-socjeta intimata hi awtorrizata tiehu lura l-grada wara li jsir il-hlas.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru